MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 156/2004

**Middle Sea Insurance proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Private Ltd**

**vs**

**Elenore Habesh Borg u b'digriet tat-2 ta' Settembru, 2005 is-socjeta' Citadel Insurance plc giet ammessa tintervjeni fil-kawza in statu et terminis.**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandekx tkun ikkundannata prevja dikjarazzjoni li int responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Lulju, 2001 gewwa l-Addolorata Hill, Paola bejn il-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni GAQ-819 misjuqa minnek u l-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni IBC-996 misjuqa minn Raymond Meli u proprjeta' tas-Socjeta' Private Ltd. U dan minhabba negligenza, imperizja u

nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, thallas lill-awturi s-somma ta’ erbat elef, tnejn u tletin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm4,032.72) in kwantu ghas-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u tnejn u tmenin Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm3,982.72) danni sofferti mill-assikurata tas-Socjeta’ attrici Middle Sea Insurance plc u li ghalihom kellha taghmel front l-istess Socjeta’ taht polza tat-tip *comprehensive* u hamsin lira Maltin (Lm50) rapprezentanti *excess* imhallsa mis-Socjeta’ attrici Private Ltd.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Novembru, 2002 u l-ittra interpellatorja kontra s-Socjeta’ assigurattiva tal-konvenuta prezentata kontestwalment ma’ din il-kawza, u bl-imghax legali mit-12 ta’ Lulju, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat  in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta:

Illi l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan jista jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi fil-mertu l-incident awtomobilistiku sehh esklussivament tort tat-traskuragni, negligenza u speed eccessiv li kien ghaddej bih l-attur li kien il-kagun tal-incident;

Rat illi s-socjeta’ Citadel Insurance plc kienet ammessa in statu et terminis wara li kienet hekk talbet permezz ta’ rikors tat-8 t’Awissu 2005;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Citadel Insurance plc li tghid hekk:

Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet li ser isegwu, illi l-azzjoni odjerna hija preskritta fil-konfront tas-socjeta’ eccipjenti ai termini tal-art. 2153 tal-Kodici Civli (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u ghall-eccezzjonijiet li ser isegwu, li fil-hin tal-incident

awtomobilistiku mertu tal-kawza odjerna, il-konvenuta Elenore Habesh Borg ma kenitx koperta permezz ta' polza mahruga mill-assigurazzjoni esponenti;

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, li l-konvenuta Elenore Habesh Borg ma tahtix ghall-incident mertu tal-kawza fl-ismijiet premessi;

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont reklamat mill-attur huwa ezagerat;

Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkonsidrat;

Illi s-socjeta' Citadel Insurance plc ressqet l-ostakolu tal-preskrizzjoni ta' sentejn u ghalhekk din ghandha tkun deciza qabel kull konsiderazzjoni ohra. Is-socjeta' Citadel Insurance talbet li tintervjeni fil-kawza wara li kienet notifikata mis-socjeta' attrici permezz ta' ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2005 ai fini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara li kienet hekk ammessa minn din il-Qorti diversament preseduta, l-istess socjeta' prezentat 'il fuq elenkati eccezzjonijiet u dan minghajr ma hu hekk konsentit mil-ligi. L-artikolu 960 tal-Kap 12 jipprovdi ghall-istitut tal-intervenut fil-kawza *in statu et terminis* u dan ifisser proprju hekk, jigifieri li l-intervenjent jaghmel hekk fl-istat li fih tkun tinsab il-kawza tant li l-istess dispost jipprovdi illi *l-intervenut fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha*. L-artikoli 961 u 962 imbaghad jipprovdu ghall-kjamat in kawza u jirravizaw dawk id-drittijiet tal-istess kjamat kwantu dan huwa tenut bhala konvenut u jista' jaghmel eccezzjonijet u jkun mehlus jew ikkundannat. Dawn l-istess disposizzjonijiet mhumiex rapprezentati fl-istitut tal-intervenut fil-kawza u ghalhekk mhux applikabbli

ghalih. Mill-insenjatment emergenti mill-kawzi **Fogg Insurance Agencies Ltd noe et vs Simon Tabone App 28.4.2004** u **Angelo Abela s Joseph Zahra et App 29.10.2002** huwa ben delineat l-interess tal-intervenut fil-kawza u fil-procedura odjerna, ghad illi s-socjeta' Citadel Insurance Plc kienet inghatat il-fakolta' li tressaq eccezzjonijet, l-istess socjeta' *qua* intervenuta, qatt ma tista' tkun kundannata bhala konvenuta u ghalhekk l-eccezzjonijiet taghha huma inutili ghal dawn il-proceduri. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijet mressqa mis-socjeta' Citadel Insurance plc;

Illi fil-mertu, din hija kawza ghar-risarciment ta' hlasijiet maghmula mis-socjeta' assikuratrici tas-sewwieq ta' vettura lill-istess sewwieq wara li dan kien involut f'incident awtomobilistiku gewwa Addolorata Hill meta dan dahal f'vettura li harget minn fuq *Stop Sign* fi Triq Palma. L-assikurat tal-attur kien tiela mid-direzzjoni tal-Marsa lejn id-direzzjoni ta' Birzebbugia b'velocita' ta' hamsa u erbghin kilometru fis-siegha u meta wasal ma' Triq il-Palma li hija perpendikulari ghal dik li kien fuqha, ra l-vettura tal-konvenuta bi speed mhux mghaggel u baqghet hierga. Din il-vettura qatt ma raha wieqfa u meta sar l-impatt sar b'mod perpendikulari bil-konsengwenza li l-vettura tieghu sofriet danni konsiderevoli fuq quddiem u dik tal-konvenuta garbet danni fil-genb tal-lemin. Il-verzjoni ta' dan is-sewwieq kienet replikata mill-mara tieghu li kienet ukoll passiggiera. Il-konvenuta ma xehditx f'dawn il-proceduri minkejja li kellha kull opportunita li taghmel dan u taghti l-verzjoni taghha ta' kif sehh l-incident. L-uniku riferiment hija l-verzjoni taghha li tat lill-Pulizija fir-*road accident report* fejn a fol 60 tghid hekk: "Jiena kont gejja minn Palm Street, waqaft fuq l-istop, rajt li min fuq iz-zewg nahat ma kien gej hadd, hrigt u peress li l-vettura l-ohra kienet gejja bi speed qawwi, habat go fija". Ezaminat l-iskizz a fol 62 kif ukoll ir-ritratti tal-vettura tal-attur jirrizulta illi l-verzjoni tal-konvenuta hija wahda inattendibbli. L-attur huwa *main road user* u kien jispetta lill-konvenuta tesplora it-triq akkuratament qabel tohrog fil-main road Dik hija triq perikoluza hafna b'mod illi tippresta zewg ostakoli magguri bl-ewwel wiehed li

taqsam sas-central strip b'mod qawwi u shih u meta ma jkunux gejjin karozzi minn naha ta' Santa Lucia, imbaghad tidhol fil-kareggjata diretta lejn il-Belt Valletta. L-agir tal-konvenuta huwa evidenti li kien wiehed li b'imperizja fis-sewqan taghha blokkat il-kareggjata tal-attur b'mod perpendikulari. Speed qawwi da parti tal-attur certament kien ikollu riperkussjonijiet ferm aghar minn dawk fil-fatt attwati. Il-fatt illi l-vetturi baqghu attakati ma' xulxin minghajr ma spostjaw ruhhom mal-impatt huwa biss sintomatiku ta' velocita' accettabli da parti tal-attur li b'hekk ma rrendiex ruhu *main road abuser* u ghal dan il-ghan il-Qorti ma tista' tara ebda haga censurabbli fis-sewqan tieghu. Din il-habta grat tort unikament tal-konvenuta. L-ispejjez inkorsi mis-surrogat tas-socjeta' attrici ma kienux kontestati mill-konvenuta u jidhru li saru entro il-limiti preskritti mis-surveyor.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet tal-atturi u tiddikjara lil-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku deskritt fl-avviz u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' Lm4032.72 llum ekwivalenti ghall-€9393.71, bl-ispejjez kontra l-konvenuta kif elenkati fl-avviz.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------